MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 26/1999/1

Kummissarju ta’ l-Artijiet

vs

Castellana (Malta) Limited

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta’ l-Art ipprezentat fil-31 ta’ Mejju, 1999 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b’avviz ghall-Ftehim datat 30 ta’ Dicembru, 1998 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-utile Dominju Temporanju ta’ bicca art f’Hal Qormi tal-kejl ta’ 228 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma’ proprjeta’ tal-Gvern, mix-Xlokk ma’ proprjeta’ ta’ Nylon Knitting Limited u mil-Lbic ma’ Castellana Malta Limited huwa ta’ tlett elef mija u sitta u

hamsin lira Maltija (Lm3,156) kif jidher mir-rapport tal-perit Frederick H Valentino A&C.E. tal-25 ta' Frar, 1998, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta' intimata fejn esponiet:

Illi l-valur tal-art esproprjata in kwistjoni hija ferm oghla minn dak valutat mill-Perit Valentino u dan kif jidher mill-anness certifikat mahrug mill-Perit Anthony Spiteri Staines (Dok S)

Illi ghalhekk il-kumpens dovut ghandu jkun wiehed reali tenut kont tal-posizzjoni centrali tal-art u tal-potenzjal kummercjali taghha.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-istqarrija guramentata tal-Perit Anthony Spiteri Staines u d-dokument minnu esebit fejn ikkonferma li "the present market value is at least eleven thousand, one hundred Malta pounds (Lm11,000)".

Ra d-digriet tieghu tal-25 ta’ Settembru, 2000 fejn gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti li minnha jirrizulta li l-proprjeta’ in kwistjoni “ghandha tigi stmata bhala proprjeta’ fabbrikabbli ghal terz tat-tul taghha” u hekk il-kumpens dovut hu ta’ hdax-il elf lira Maltija (Lm11,000) .

Jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lis-socjeta’ intimata tghaddi b’titolu ta’ xiri assolut bhala libera u franka bicca art tal-utile Dominju Temporanju ta’ bicca art f’Hal Qormi tal-kejl ta’ 228 metru kwadru, li tmiss mill- Grigal ma’ proprjeta’ tal-Gvern, mix-Xlokk ma’ proprjeta’ ta’ Nylon Knitting Limited u mil-Lbic ma’ Castellana Malta Limited bil-kumpens ta’ hdax-il elf lira Maltija (Lm11,000) lir-rikorrenti skond pjanta annessa mal-Avviz ghall-Ftehim.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att relattiv fis-6 ta’ April, 2005 fid-9:00a.m. fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lid-Dottoressa Charmaine Zammit biex tidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez tal-procedura u tal-pubblikazzjoni ta’ l-att jithallsu mir-rikorrent u mis-socjeta’ intimata fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-Awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord skond l-Artikolu 31 tal-Kap 88 kif emendat.

Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------